TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 417/10

**Grace Micallef**

**vs**

**Melita Plc**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u ħamsa u sittin ewro (€165), rappreżentanti qtugħ kontinwu tas-servizz tat-*telephone* u l-*internet*.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ,

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija nstallat is-servizz ta' l-*internet* u tat-*telephone*, u tgħid illi kien qed jinqata' kontinwament.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti għandha l-kontijiet pendenti għal diversi xhur, kif ukoll għandha tirritorna lura l-*mobile* in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti mhijiex qegħda tkun veritiera fil-verżjoni tagħha u dan minħabba l-fatt li kien hemm diversi kontijiet pendenti u li għalhekk ma tridx tkompli b'dan is-servizz.

**Għal dawn il-motivi:**

It-tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888